MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Talba Numru. 1371/2004

**Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tal-portfolio ta' Royal and Sun Alliance Insurance plc, bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat Ernest Muscat u l-istess Ernest Muscat**

**Vs**

**Rosette Fenech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn u tlieta u disghin lira Maltin (Lm293) rapprezentanti danni subiti fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBH 916 li kienet involuta f'kollizjoni mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAH

375 misjuqa mill-konvenuta fl-20 ta' Novembru, 2003 fil-Malta International Airport, il-Gudja.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi hija ma tahti xejn ghall-incident u minghajr pregudizzju l-ammont mitlub huwa esagerat.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Mula, Ernest Muscat, Charles Cauchi, PS 1326 Roy Sciberras, Rosette Fenech u ta' Vincent Farrugia.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr David Harding ghall-atturi u ta' Dr Philip Magri ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kollizjoni saret fil-*parking area* tal-Malta International Airport. Il-vettura tal-konvenuta kienet ipparkjata *fishbone* u l-attur kien ghadu kif hareg mill-*parking* fl-area in kwistjoni u kien qed isuq biex jaqbad it-triq. Huwa hu ghaddej bil-karozza tieghu fil-*parking area*, l-konvenuta rriversjat mill-pozizzjoni li kienet u b'rizultat ta' dan sehhet il-kollizjoni billi l-vettura tal-konvenuta min-naha ta' wara fuq il-lemin (back right) laqtet il-vettura ta' l-attur mal-parti ta' wara tal-genb (back side left).

Iz-zewg partijiet qed jikkontestaw ir-responsabbilta'. L-atturi jikkontendu li l-konvenuta kienet obbligata thares lura u taccerta ruhha li tista' tohrog liberament minghajr ebda xkiel ghat-traffiku qabel ma tohrog. Il-fatt li sehhet il-kollizjoni jfisser illi hi ma kienetx qeghda zzomm *a proper lookout*.
Il-konvenuta qeghda ssostni illi l-attur kellu spazju ampju biex isuq u li messu zamm aktar 'il hinn mill-vetturi pparkjati. Inoltre, stante li l-konvenuta kienet qeghda hierga bil-mod (inching out), l-attur messu nduna bil-vettura taghha qed tirriversja.

It-Tribunal jidhirlu illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur kien qed isuq fid-dritta tieghu u kellu *the right of way*. Il-konvenuta, da parti taghha, kienet qeghda pparkjata

*fishbone* jigifieri qeghda thares ‘il gewwa ftit angolata u ghalhekk f’din il-pozizzjoni kellha l-obbligu illi qabel ma tirriversja ghal fuq il-karreggjata, li taccerta ruhha li tista’ tohrog liberament, u li meta tohrog, tohrog bil-mod u taghti ndikazzjoni xierqa w opportuna tal-manuvra li hija tkun qeghda taghmel.

Il-fatt li sehhet il-kollizjoni u l-fatt li l-vettura ta’ l-attur intlaqtet lejn il-parti ta’ wara fuq il-genb, ifisser illi bil-fors li l-karozza tal-konvenuta kienet ghadha qeghda tohrog bil-mod fl-istess hin li kienet miexja fil-karreggjata taghha l-karozza misjuqa mill-attur. Huwa evidenti li qabel m’attwalment sehhet il-kollizjoni, l-vettura tal-konvenuta kienet miexja meta suppost il-konvenuta kellha tinduna bil-vettura gejja ta’ l-attur u kellha tieqaf u tistennieh. Huwa evidenti li mill-mod kif kienet ipparkjata, hija kellha l-vizwali ristretta hafna u f’dan il-kaz, jekk hija ma setghetx tara sew, kellha almenu ssib lil xi hadd li jtiha daqqa t’ghajn u dan kif hemm provist fl-Artikolu 202 tal-Highway Code, liema Highway Code anki jenfasizza illi meta persuna tkun qeghda tohrog mill-*parking* u qeghda tirriversja, wiehed ghandu jiccekkja d-direzzjonijiet kollha. Min qieghed jirriversja kif kienet qeghda tirriversja l-konvenuta, ghandu obbligu qawwi li jaccerta ruhu li jista’ jespleta tali manuvra minghajr ebda xkiel ghat-traffiku. Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-konvenuta kellha tali obbligu u li hija ma rispettatx dan l-obbligu fil-grad tad-diligenza rikjest mil-ligi u konsegwentement ghandha terfa’ r-responsabbilta’ ntiera tal-kollizjoni.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, dawn jinsabu kkonfermati kemm mid-dokumenti esebiti, kif ukoll mix-xhieda ta’ Joseph Mula w anki mis-surveyor Charles Cauchi u ghalhekk jinsabu debitament ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-kollizjoni u konsegwentement jikkundannaha sabiex thallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u tlieta u disghin lira Maltin (Lm293) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------